**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 583/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur John Spiteri)**

**vs**

**JOSEF VINCENTI**
**(I.D. 298387M)**

**Illum, 7 ta' Novembru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **JOSEF VINCENTI** detentur tal-karta ta' l-identita' 298387M tressaq quddiemha akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer nhar l-10 ta' Settembru, 2018 u fix-xhur ta' qabel, pubblikament, xewwex persuna/persuni oħra sabiex tagħmel reat.

2. Aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi pubblikament, xewwex lill-persuna/persuni oħra sabiex tikser il-liġi.

3. Aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadan, jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bl-istess apparat.

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi uza kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolenti, jew esibixxa xi materjal miktub jew stampat li kien ta' theddid, abbuziv jew insolent jew xort'ohra gab ruhek b'dak il-mod, bil-hsieb li b'hekk jqajjem vjolenza jew mibeghda razzjali kontra xi persuna ohra jew grupp ta' persuni fuq bazi ta generu, identita' tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini ettnika, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra jew b'hekk holoq il-probbabilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibeghda razzjali.

5. Talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi naqas li josserva xi kundizzjoni imposta fid-digriet mahrug mill- Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.d. li bih inghata l- helsien mill-arrest taht garanzija.

U aktar talli b'hekk renda ruhu recediv wara sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u dan bi ksur tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka '*contrario imperio'* d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmi Josef Vincenti. Kif ukoll tordna li s-somma hawn fuq indikata bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant filwaqt li l-Ufficjali Prosekuturi esebew certifikat tat-twelid u fedina penali tal-imsemmi Josef Vincenti, talbu li dan il-kaz jigi investigat skond il-ligi.

Rat il-kunsens mahrug mill-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu fl-udjenza tal-24 ta' Settembru 2018, liema htija giet ikkonfermata minnu wara li nghata hin biex jerga' jahseb dwar din l-ammissjoni.

Rat ir-rapport ta' qabel is-sentenza (*pre-sentencing report*) ipprezentat mill-Ufficjal tal-Probation Glen Grixti fl-1 ta' Novembru 2018 liema rapport jinsab esebit fl-atti mmarkat bhala Dok GG1.

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Glen Grixti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn qed jitqiesu li gew debitament ippruvati. Fost dawn l-akkuzi, li bihom huwa gie mixli *inter alia* li pubblikament kif ukoll permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, xewwex lil persuni ohra ghal mibgheda razzjali u biex iwettqu reat, wiehed isib illi l-imputat gie mixli fil-hames akkuza li kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest liema kundizzjonijiet kienu imposti fuqu b'digriet tal-Magistrat Claire Stafrace Zammit datat 17 ta' Frar 2015. L-imputat ammetta wkoll ghal din l-akkuza.

Il-Qorti tosserva illi ghalkemm l-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba kontrih minghajr rizerva, u ghalkemm ebda wahda mill-akkuzi ma gew irtirati, huwa evidenti illi t-tieni akkuza dwar ir-reat kontemplat taht l-Artikolu 70 tal-Kodici Kriminali, hija assorbita fl-ewwel akkuza dwar ir-reat kontemplat taht l-Artikolu 69 tal-istess Kapitolu 9, li huwa iktar gravi; filwaqt illi r-reati kontemplati taht it-tielet u r-raba' akkuzi (Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 u l-Artikolu 82A tal-Kapitolu 9) ghandhom jitqiesu bhala mezz ghall-fini tal-ghemil tar-reat ikkontemplat fl-ewwel akkuza. L-imputat ghalhekk qieghed jinstab hati tal-ewwel, il-hames u s-sitt akkuza.

Ikkunsidrat;

Illi mir-rapport u x-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation, jirrizulta illi l-imputat kellu, talanqas sa zmien recenti hafna, problema ta' abbuz tad-droga kif ukoll ta' alkohol, tant li stqarr mal-Probation Officer li kien abbuza mid-droga kokaina l-gurnata qabel wettaq ir-reati li bihom jinsab mixli f'dawn il-proceduri. Mill-assjem tal-konstatazzjonijiet li ghamel l-istess Ufficjal tal-Probation ghall-finijiet tal-inkarigu lilu moghti, il-Qorti tifhem ukoll li l-imputat ghaddej minn zmien difficli anke minhabba n-nuqqas ta' kuntatt ma' ibnu ta' sitt snin, u maghdud dan, fil-prezent huwa jinsab dizokkupat wara li kellu jieqaf mix-xoghol minhabba operazzjoni li ghamel f'sieqġ recentement. L-Ufficjal tal-Probation ikkonstata wkoll illi l-imputat ghandu diffikulta` biex jikkontrolla l-espressjoni tal-hsibijiet u fehmiet tieghu b'mod civili, u l-Qorti taghraf illi l-isfond tac-cirkostanzi tieghu kif rapportati, ma setax hlief jixpruna xi diffikoltajiet emozzjonali.

Madanakollu, mil-lat pozittiv, il-Qorti tosserva illi gie konstatat li l-imputat ghandu relazzjoni tajba kif ukoll ghajnuna minghand il-familja immedjata tieghu kif ukoll b'mod iktar dirett, minghand is-siehba attwali tieghu. Recentement, irnexxielu wkoll jelimina l-problema tal-abbuz tax-xorb u qed

jaghmel progress biex jeghleb il-problema tad-droga, tant illi l-kampjuni recenti li ttiehdu irrizultaw fin-negattiv ghas-sostanzi illeciti ttestjati.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti hadet qies ukoll tal-fatt illi l-imputat mhux talli rregistra ammissjoni mill-iktar bikrija ghall-imputazzjonijiet odjerni, talli jirrizulta mill-atti li huwa kien ikkopera bis-shih matul l-investigazzjoni tal-Pulizija dwar dan il-kaz kif ukoll wera mal-Ufficjali tal-Pulizija involuti fil-kaz, soghba evidenti u dispjacir kbir ghall-imgieba tieghu li wassal biex jitressaq quddiem il-Qorti bl-akkuzi odjerni.

Il-Qorti qieset ulterjorment ir-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation li, fid-dawl tal-konstatazzjonijiet minnu maghmula, u tenut kont tar-rieda murija mill-imputat li jerga' jfittex xoghol kif ukoll il-progress registrat minnu sal-lum fl-uzu tad-droga, huwa jinghata sentenza komunitarja.

Il-Qorti taqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni ghaliex tifhem li l-imputat ghandu bzonn jinghata gwida u ghajnuna biex jista' jimxi fit-triq it-tajba, jghix hajja strutturata u produttiva, kif ukoll ikompli jikkonsolida l-progress li diga` jidher li qed jipprova jaghmel, apparti li jeghleb l-isfidi li evidentement jirriskontra fil-kontroll tal-emozzjonijiet u espressjoni ta' hsibijietu. Konformament, hija tal-fehma konvinta li ghalkemm mill-fedina penali tieghu jirrizulta li l-imputat diga` xellef difrjeh mal-ligi fil-passat u nghata opportunita` biex jirriforma ruhu, m'ghandhiex timponi piena karcerarja fuq l-imputat, izda ghandha minflok taghtih piena li toffrilu l-ahhar opportunita` biex jista' jsib l-ghajnuna li jehtieg, jirriforma ruhu u jqieghed hajtu fuq binarji tajbin u xierqa, u mhux ittellfu minn din l-opportunita`.

Billi ghalhekk jirrizulta li s-sorveljanza tal-imputat minn ufficjal tal-*probation* hija mixtieqa fl-interess li tigi assikurata r-rijabilitazzjoni tal-istess

imputat, li jigu protetti terzi minn hsara li jista' jaghmel, kif ukoll li jigi prevenut l-ghemil ta' aktar reati, il-Qorti sejra tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation liema Ordni hija tqis li hija l-iktar piena li jixraq fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ghall-akkuzi kollha hlief ghall-hames akkuza li, fil-fehma ta' din il-Qorti ghandha tigi trattata separatament in kwantu ghall-piena li ghandha tigi inflitta. Inoltre, wara li rat il-fedina penali tal-imputat li minnha jidher car li din m'hijiex l-ewwel darba li l-imputat kiser il-ligi, il-Qorti tqis li huwa mehtieg li l-imputat jitpogga taht dan l-Ordni ghaz-zmien massimu li tippermetti l-Ligi. Jehtieg ukoll, skont kif jirrizulta mir-rapport tal-istess Ufficjal tal-Probation, li bhala wahda mill-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni, l-imputat jinghata ghajnuna psikologika biex jeghleb l-isfidi tieghu.

Fir-rigward tal-imputazzjoni tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ai termini tad-digriet tas-17 ta' Frar 2015[1], senjatament il-kundizzjoni li l-imputat ma jikkommettix reat iehor ta' natura volontarja waqt li jku mehlus mill-arrest, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi - minghajr qies tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat - il-htija ghar-reat kontemplat fil-hames akkuza ossia fl-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, titnissel appuntu mid-dikjarazzjoni ta' htija ghall-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra l-imputat f'dawn il-proceduri, ghaliex wahda mill-kundizzjonijiet tal-imsemmi digriet ghall-helsien mill-arrest tabilhaqq hija li l-imputat ma jikkommettix reat iehor waqt li jkun mehlus provvizjorament mill-arrest.

Ir-reat taht l-Artikolu 579(2) huwa reat *ad hoc* li ghalih is-sejbien ta' htija f'dan il-kaz jimmerita piena separata. Il-Qorti hija tal-fehma illi s-sanzjonijiet komunitarji kontemplati fid-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, m'humiex applikabbli f'kaz ta' htija ghar-reat in kwistjoni. Fid-dawl, pero`, tas-sanzjoni komunitarja applikata in linea ta' piena ghall-imputazzjonijiet kollha l-ohra li taghhom l-imputat qed jigi misjub hati, il-Qorti

[1] Fol. 18

tqis illi fic-cirkostanzi ma ghandux jigi revokat l-ghoti tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest u jigi ordnat ir-riarrest tal-imputat, ghaliex b'hekk il-ghan primarju ta' din is-sentenza - li huwa r-riforma tal-hati - ma jkunx jista' jintlahaq. Lanqas sejra timponi l-piena karcerarja kontemplata fl-Artikolu 579(2), appuntu ghaliex il-piena li qieghda tinghata ghar-reati kontemplati fl-akkuzi l-ohra - ghar-ragunijiet kollha mfissrin *supra* - hija Ordni ta' Probation li qieghda hemm bhala alternattiva ghal-piena karcerarja biex persuna tinghata l-opportunita' tirriforma ruhha barra mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Il-Qorti sejra ghalhekk timponi piena pekunarjarja ghas-sejbien ta' htija tar-reat taht l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9, u tordna lill-imputat ihallas multa fis-somma ta' mitejn Euro (€200) oltre ghall-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta, tad-depozitu tas-somma ta' tliet mitt Euro (€300) stabbilita fid-digriet ghall-helsien mill-arrest, liema konfiska hija del resto tassattiva fuq sejbien ta' htija ghal dan ir-reat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 69, 70, 82A u 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-ewwel, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu billi t-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza gew assorbiti fl-ewwel akkuza, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment, senjatament izda mhux limitatament bil-kundizzjoni li l-imputat jircievi ghajnuna psikologika, liema digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti fissret lill-imputat, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-ordni moghtija fil-konfront tieghu u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

In kwantu ghall-hames imputazzjoni, b'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' multa fis-somma ta' mitejn Euro (€200) u tordna l-konfiska tas-somma ta' €300 stabbilit fid-digriet tal-helsien mill-arrest datat 17 ta' Frar 2015, a favur il-Gvern ta' Malta.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-hlas tal-ispejjez ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi ma jirrizultax illi saru xi spejjez kif kontemplat fl-imsemmi Artikolu tal-Ligi.

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**